MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1147/2010

**Vodafone Malta Limited - C10865**

**vs**

**Josephine Cutajar nee` Mizzi.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' sitt mija u hamsin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€650.82c), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti skont ir-rendikont anness u mmarkat bhala Dok "A". Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b' talba ghal pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti ghal tali talba u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sallum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sal-hlas tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni

It-Tribunal ra illi ghalkemm il-konvenuta giet notifikata ma pprezentax risposta, li madanakollu dehret fis-seduta tallum u ammettiet it-talba.

It-Tribunal ra d-deposizzjoni moghtija minn l-istess konvenuta li permezz taghha giet ammessa t-talba tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ it-talba’ tas-socjeta` attrici u qed jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta’ sitt mija u hamsin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€650.82c) bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------